2024/2417

16.9.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2417

tat-13 ta' Settembru 2024

li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-klorur tal-alkil (C_{12}-$_{16}$) dimetilbenżil ammonju għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

Billi:

(1) Il-klorur tal-alkil (C_{12}-$_{16}$) dimetilbenżil ammonju ġie inkluż fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8. Skont l-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, huwa għalhekk meqjus bħala approvat skont dak ir-Regolament soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE.

(2) L-approvazzjoni tal-klorur tal-alkil (C_{12}-$_{16}$) dimetilbenżil ammonju għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 ("l-approvazzjoni") se tiskadi fil-31 ta' Jannar 2025. Fit-28 ta' Lulju 2023, tressqet applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tiġdid tal-approvazzjoni tal-klorur tal-alkil (C_{12}-$_{16}$) dimetilbenżil ammonju għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 ("l-applikazzjoni").

(3) Fil-11 ta' April 2024, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni tal-Italja infurmat lill-Kummissjoni li kienet iddeċidiet, skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, li kienet meħtieġa evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni. Skont l-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni għandha twettaq evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni fi żmien 365 jum mill-validazzjoni tagħha.

(4) L-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni tista', skont il-każ, tirrikjedi li l-applikant jipprovdi biżżejjed *data* biex titwettaq l-evalwazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. F'dak il-każ, il-perjodu ta' 365 jum jiġi sospiż għal perjodu li ma jistax jaqbeż il-180 jum b'kollox, sakemm ma tkunx iġġustifikata sospensjoni itwal minħabba n-natura tad-data rikjesta jew minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali.

(5) Fi żmien 270 jum minn meta tirċievi rakkomandazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") għandha tħejji opinjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva u tissottomettiha lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(6) Konsegwentement, għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tal-applikant, l-approvazzjoni aktarx tiskadi qabel ma tkun ittieħdet deċiżjoni dwar it-tiġdid tagħha. Għalhekk, jixraq li d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tiġi posposta għal perjodu twil biżżejjed biex l-applikazzjoni tkun tista' tiġi eżaminata. Wara li tqiesu l-limiti ta' żmien għall-evalwazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni, u għat-tħejjija u għas-sottomissjoni mill-Aġenzija tal-opinjoni tagħha u ż-żmien meħtieġ biex il-Kummissjoni tiddeċiedi jekk iġġeddidx l-approvazzjoni tal-klorur tal-alkil (C_{12}-$_{16}$) dimetilbenżil ammonju għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8, jenħtieġ li d-data tal-iskadenza tiġi posposta għall-31 ta' Lulju 2027.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.
([2]) Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1998/8/oj).

(7) Wara l-posponiment tad-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni, il-klorur tal-alkil (C_{12}-$_{16}$) dimetilbenżil ammonju jibqa' approvat għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-klorur tal-alkil (C_{12}-$_{16}$) dimetilbenżil ammonju għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 stabbilita fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE hija posposta għall-31 ta' Lulju 2027.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Settembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN